Minuti tat-38 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju, 2012.
Il-laqgha nbdiet hin 4.30pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-36 u 37 laqgha u l-kontinwazzjoni taghha.**

1.1 Il-Minuti gew approvati u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett. B'referenza ghal dawn il-Minuti (36 u 37) fejn gie diskuss is-suggett tat-*tug of war* qed jigi innutat illi Emanuel Muscat qal li huwa ghandu interess f'dan is-suggett u ghalhekk ma hax sehem fid-diskussjoni.

**2. Audited financial statements u ittra ta' direzzjoni.**

2.1 Kopja tal-*audited financial statements* u l-ittra ta' direzzjoni inghatat lill-membri kollha. L-*unaudited financial statements* kienu approvati waqt laqgha numru 35. Ser issir ir-risposta ghall-ittra ta' direzzjoni.

**3. Offerti.**

**3.1 Ten 01/12 – Management and operating of the Gharb Local Council finished Child Care Centre Facility through a Management Agreement with the Gharb Local Council.**

3.2 Gew sottomessi zewg offerti minghand Victoria Sultana u Maryanne Xerri. Giet trattata il-korrispondenza tad-Dipartiment tas-Social Welfare Standards illi persuna li tmexxi centru ta' matul il-jum ghat-tfal irid ikollha MQF livell 5 jew oghla. Il-Kunsill ra ghalhekk illi miz-zewg offerti Victoria Sultana tilhaq dan ir-rekwizit peress li tipposjedi MQF livell 7. L-offerta ta' Maryanne Xerri ma tilhaqx dan ir-rekwizit u ghalhekk il-Kunsill qabel li din ma tistax tkun ikkunsidrata aktar. Il-Kunsill wara li ra fid-dettall l-offerta ta' Sultana, inkluz il-*packages u fees* u l-opening plan qabel li ghandu jaccetta din

l-offerta. Ghalhekk gie deciz li Ms Sultana ghandha tissejjah ghal laqgha u l-Kunsilliera ser ikun infurmati b'din il-laqgha.

3.3 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-issue tar-registrazzjoni tat-tfal u qabel li ghandu jipproponi lill-persuna li ser tkun tmexxi ic-centru illi meta jkun hemm zewg registrazzjonijiet bl-istess hinijiet u tkun tista' tintlaqa' applikazzjoni wahda biss, ghandha tinghata l-ewwel preferenza lit-tfal mil-lokalita' ta' l-Gharb.

3.4 Il-Kunsill iddiskuta t-talba tad-Dipartiment tas-Social Welfare Standards illi fic-centru ta' matul il-jum ghat-tfal isiru zewg toilets ghat-tfal fl-isleeping area. Il-Kunsill qabel li jigbor l-istejjem mehtiega sabiex dawn ikunu jistghu isiru biex b'hekk ic-centru ikun konformi ma' dak li qed jitlob id-DSWS.

**3.5 Servizz ta' Open-Skips**

3.6 Gew sottomessi zewg offerti minghand Anthony Mercieca u Joseph Mercieca. Kienet sottomessa wkoll offerta ohra minghand Peter Paul Said izda din dahlet tard u ghalhekk il-Kunsill qabel li din m'ghandhiex tigi ikkunsidrata.

3.7 Il-Kunsill qabel li jaccetta l-offerta ta' Joseph Mercieca peress li din kienet l-irhas wahda.

**3.8 Eco-cab u Eko Truck**

3.9 Giet sottomessa offerta wahda ghal Eco-cab biss minghand Industrial Motors Ltd. Din l-offerta teccedi il-budget li l-Kunsill ghandu ghaz-zewg vetturi flimkien. Is-Sindku spjega illi huwa tkellem mad-Direttur Eko-Ghawdex fejn kien suggerit illi jekk il-Kunsill jirnexxielu jsib fis-suq vetturi elettrici bi prezz irhis tkun tista' ssir talba lid-Direttur tal-Kuntratti biex jaghti l-approvazzjoni li jinxtraw b'ordni diretta. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir iktar ricerka fis-suq biex wiehed jara jistghux jinstabu vetturi skond l-ispecifikazzjonijiet mehtiega u li jkunu fil-limiti tal-budget.

3.10 Emanuel Muscat staqsa jekk hux ser isir *charging point* fil-lokalita'. Gie spjegat illi ser tkun qed tigi pprovduta point mill-Ministeru ghal Ghawdex f'kull lokalita'. Dik fl-Gharb ser tkun stallata hdejn ic-Centru Civiku fi Triq il-Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

4. **Child Care Centre** – din il-materja giet diskussa f'punti 3.3 u 3.4.

5. **Aggornament dwar xogholijiet u progetti – centru civiku, PPP, Mizura 323.**

5.1 Is-Sindku spjega illi l-hitan tas-sejjieh li waqghu bil-maltemp f'Wied il-Mielah qed jinbnew kif kien deciz f'laqgha precedenti. Gie spjegat illi l-Perit qed jaghmel ezercizzju biex jara liema hitan waqghu mill-progetti u liema le.

5.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar Trejqa ta' Kangla u qabel li din ghandha tissewwa billi l-Kunsill jipprovdi l-konkos u l-haddiema tal-Kunsill jaghmlu x-xoghol mehtieg. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni jekk hux ser issir stima tax-xoghol qabel izda l-Kunsill qabel li m'hemmx xoghol kbir u allura m'hemmx ghalfejn tingab stima.

5.3 Dwar PPP gie spjegat illi fil-parti li twessghet fil-bidu ta' Triq il-Knisja huwa mistenni li fil-jiem li gejjin ser ikunu qed jitnehhew is-servizzi minn mal-arblu fil-bidu ta' Triq il-Knisja ghal mal-arblu l-gdid biex b'hekk ikun jista' jitnehha l-arblu u jinghata t-tarmak.

5.4 Dwar il-bini tal-hajt fil-parti fejn twessghet it-triq gie spjegat illi il-kuntrattur Gatt Tarmac gie mitlub jaghti stima ta' dan ix-xoghol. Il-Kunsill qabel li jistenna din l-istima peress li dan ix-xoghol ikun jista' jsir anke wara li jinghata it-tarmak.

5.5 Is-Sindku spjega illi ser issir laqgha mal-Ufficjali tal-Ministeru ghal Ghawdex id-Direttur Portelli u l-Perit Anglu Portelli dwar Triq Tumas Cassar u Triq Dun Alwig Mizzi.

5.6 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni dwar hofra fi Triq Birbuba. Is-Sindku spjega illi din hija tal-Go u ser tkun qed tissewwa min naha taghhom.

5.7 Lisa Brooke gibdet l-attenzjoni dwar it-tiswija tar-road hump fi Triq Trux. Il-Kunsill qabel li Emanuel Saliba ghandu jigi inkarigat jaghmel it-tiswija mehtiega.

5.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar sigra bouganville fil-bankina tar-residenza ta' Joe Grima fi Triq il-Knisja. Gie spjegat illi peress li saret bankina gdida din is-sigra ser tinqata'. Carmen Vella issuggeriet li ghandu jsir avviz sabiex il-bankini jinzammu liberi minn pjanti u sigar.

5.9 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-passagg tat-traffiku meta jkunu qed isiru x-xogholijiet fi Triq Dun Alwig Mizzi. Il-Kunsill qabel illi matul dan il-perijodu in-non urban road li tinfed minn Triq Dun Alwig Mizzi ghal Triq Virtu' ghandha tintuza bhala by pass. Dan peress li l-Pjazza tinsab maghluqa. Din hija moghdija privata pero is-sid accetta din il-proposta. Il-Kunsill qabel illi biex jitjieb l-istat tat-triq temporanjament din ghandha tinghata materjal tat-taqxir jew ramel li jitghadda bir-romblu. Il-Kunsill qabel ukoll illi in-naha ta' Triq Virtu' ghandu jinqata' il-haxix.

5.10 Il-Kunsill qabel li ghandu jsir qtugh ta' haxix fit-toroq non urbani fosthom fiz-zona maghrufa 'il-witgha'. Il-Kunsill qabel illi Jimmy Piscopo u Andrew Custo' ghandhom jigu inkarigati jaghmlu dan ix-xoghol.

5.11 Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-progett M323 – Gharb's cultural and touristic conservation project. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar id-diversi xogholijiet li ghaddejjin. Dwar ir-restawr tal-Knisja taz-Zejt gie spjegat illi qed jinghata xi likwidu fuq il-gebel li nbidel bil-permess tal-Mepa. Gie spjegat ukoll illi fil-jiem li gejjin ser ikun

qed jintrama l-iscaffolding fil-kappella u l-kampnar. Gie spjegat ukoll illi l-Arcipriet ta' l-awtorizzazzjoni tieghu biex jinqala d-dawl li kien imwahhal mal-Knisja biex ikun jista' jsir ir-restawr. Il-Kunsill iddiskuta dwar it-trinka li trid issir minn gewwa ghal barra biex ikunu jistghu jitnehhew il-linji mill-ajru. Ser terga' tigi kkuntattjata l-Ingineer Enemalta dwar il-connection bejn is-substation fi Triq Mongur ma dik ta' San Lawrenz li x-xoghol taghha irid jghaddi minn Triq San Pietru u Triq il-Madonna tal-Virtut.

5.12 Dwar restawr fil-kappella ta' San Dimitri gie spjegat illi l-Mepa nediet l-ispezzjoni taghha. Raymond Cassar staqsa jekk il-gebel li qed jinbidel hux qed isir tas-safi peress li dan mhuwiex tajjeb. Ser jigi verifikat mal-Perit inkarigat jekk dan huwiex il-kaz. Dwar il-gebel taz-zuntier gie spjegat illi dan mhux ser ikun qed jinbidel kollu skond struzzjonijiet tal-MEPA.

5.13 Dwar is-shelter fil-Pjazza gie spjegat illi d-dokument tal-offerta ghadu qed jigi ppreparat min naha tal-Perit inkarigat. Gie spjegat illi ser tkun offerta wahda li tkun tinkludi x-xoghol kollu.

5.14 Dwar il-Pjazza gie spjegat illi din ser tkun qed tinfetah ghat-traffiku fi ftit zmien. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ghandu jniedi kampanja edukattiva biex ir-residenti *jaghmlu uzu tajjeb mill-parkegg u ssuggerixxa illi fl-edizzjoni li jmiss* tal-Pjazza ghandha tinghata l-informazzjoni mehtiega dwar kif ser tahdem is-sistema tat-traffiku u tal-parkegg fil-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-parkegg fil-Pjazza u wara diskussjoni gie deciz illi z-zona ta' parkegg qrib il-hwienet ghandha tkun iddedikata ghall-konsumaturi. F'dan ir-rigward ghandhom isiru permessi li jkunu jingabru minghand tal-hanut biex jehlu mal-windscreen. Dwar is-servizz tal-Arriva il-Kunsill qabel li jipproponi li dawn ibiddlu r-rotta u minflok mill-Gharb ghal San Lawrenz ikunu jghaddu minn San Lawrenz ghall-Gharb. Il-Kunsill qabel illi *heavy vehicles* m'ghandhomx jithallew jghaddu aktar mill-Pjazza u ghalhekk ghandha ssir it-talba lill-Transport Malta f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel ukoll illi inizjalment ghandhom jigu stallati bollards flessibbli madwar is-sundial. Fir-rigward tas-sundial gie spjegat illi il-Perit Alexei Pace qed jikkoordina ma Eddie Vella. Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandha tigi stallata kamera ohra fil-Pjazza ghal fini ta' sorveljanza. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar plakka kommemorattiva u qabel illi jista' jigi kkunsidrat illi din tehel qrib il-Monument tal-Isqof Mikiel Molina.

5.15 Is-Sindku gab ghall-attenzjoni tal-Kunsill xi zwigijiet li ser isiru fil-Knisja ta' l-Gharb fis-26 u 27 ta' Mejju. Peress li l-Pjazza hija maghluqa ghat-traffiku, is-Sindku ppropona li ghandha tinghata koncezzjoni biex il-karozza tal-gharajjes u t-taxis biss ikunu jistghu jghaddu mill-Pjazza. Il-Kunsill qabel unanimament. Gie deciz li ghandu jigi inkarigat gwardjan lokali biex dawn il-karozzi biss jithallew jghaddu.

5.16 Dwar is-Salib tal-Pjazza gie spjegat illi x-xoghol huwa lest u qed isir ir-rapport finali biex imbaghad ikun jista' jersaq ghall-pagament.

5.17 Dwar ir-restawr tal-arkata fi Triq Sdieri gie spjegat illi x-xogholijiet kienu waqfu minhabba Seher il-Punent izda issa qed jitkomplew. Gie spjegat illi l-arkata intramat bl-iscaffoling. Lisa Brooke gibdet l-attenzjoni illi int u niezel mill-Gharb fid-direzzjoni lejn ta' Pinu hemm hajt li ma nbeniex ghat-tond. Gie deciz li ser tingibed l-attenzjoni tal-Perit inkarigat dwar dan.

5.18 Il-Kunsill iddiskuta l-fatt illi t-toqob li kellha l-arkata biex johrog l-ilma kienu qed jinghalqu bit-trab minn terzi persuni. Il-Kunsill qabel illi meta jkun qed jinghata il-wicc gdid lill-arkata, xoghol li ser ikun qed isir mill-Ministeru ghal Ghawdex din ghandha ssir taqleb ghal got-trejqa li tinzel taht l-arkata biex ma jzommx l-ilma fil-wicc tal-arkata.

5.19 Is-Sindku spjega illi biex jigu stallati crash barriers fi Triq Sdieri l-istima tiswa €13,000. Saret diskussjoni dwar alternattiva fejn il-Kunsill qabel li jsiru tabelli riflettivi. Gie deciz li ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet.

5.20 Il-Kunsill iddiskuta dwar Trejqa tas-Sisien fejn il-Kunsill qabel li ghandu jinbena cint ta' zewg filati faccata int u niezel.

## 6. *Skeda ta' pagamenti.*

6.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett tal-playing field fi Triq Tumas Cassar. Gie spjegat illi l-Kunsill ghandu €38,000 *accued* fil-kontijiet tieghu ghal dan il-progett li kien jinkludi il-playing field u xogholijiet ohra addizzjonali awtorizzati mill-Kunsill bhal hajt taht it-triq, galleriji u l-pitch tal-bocci. Gie spjegat illi l-Perit qed jipprepara il-kont ikkertifikat. Il-Kunsill qabel li jhallas *part-payment* ta' €15,000 lill-kuntrattur tal-progett.

6.3 Dwar hlasijiet in konnessjoni mal-progett tac-centru civiku, gie spjegat illi l-bilanc dovut lill-kuntrattur mill-ammont approvat ghall-hlas waqt il-laqgha precedenti issa ser ikun qed jithallas attwalment lill-kuntrattur.

## 7. Progett ta' Landscaping.

7.1 Is-Sindku spjega illi sejha ghall-progetti ta' landscaping ser tkun qed tithabbar dalwaqt taht il-LAG. Gie spjegat illi kull progett jista' jiehu sa massimu ta' €50,000 u l-ko-finanzjament ikun ta' 33%. Il-Sindku ppropona illi bi thejjija biex il-Kunsill johrog offerta ghal-landscaping, ghandha tohrog sejha ghal espressjoni ta' interess ta' persuni interessati li jaghmlu xoghol ta' landscaping fl-Gharb. Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Korrispondenza u materji ohra.**

8.1 Il-Kunsill ghamel evalwazzjoni tal-ikla tradizzjonali li saret waqt Seher il-Punent fejn kien innutat illi kien hemm ftit waiters u kien hemm uhud li lmentaw li l-ikel kien kiesah.

8.2 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill rega' gie mistieden jiehu sehem fl-avveniment Viva l-Europa permezz tat-trazmissjoni live tal-Opra mill-Pjazza tal-lokalita'. Din l-attivita' ser tkun fil-21 ta' Gunju. Il-Knsill qabel unanimament li jorganizza din l-attivita'.

8.3 In vista tas-self li l-Kunsill ha mill-Bank of Valletta ghall-progett tac-Centru Civiku wahda mill-kundizzjonijiet tas-self kienet illi l-bank ikollu pledge fuq l-assigurazzjoni tal-Kunsill fuq ic-Centru Civiku. Il-Kunsill qabel unanimament li tinghata din il-pledge lill-bank.

8.4 Carmen Vella staqsiet dwar meta ser isir it-titjib fil-berga tal-Gvern. Is-Sindku spjega illi wiehed irid jara f'hiex waslet in-nefqa fuq ic-Centru Civiku. Jekk il-budget jippermetti ikun jista' jsir l-upgrading tal-klinika, jekk le titnaddaf biss fil-prezent. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.5 Emanuel Muscat staqsa dwar id-dwal tat-toroq bil-hsara li ssemmew waqt l-ahhar laqgha fejn innota li ghadhom bil-hsara. Gie spjegat li dawn gew irrappurtati u ser isir follow up taghhom. Is-Sindku talab biex materji bhal dawn jghaddu ghall-attenzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv u m'hemmx ghalfejn wiehed joqghod jistenna l-laqgha.

8.6 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi organizzata harga kulturali. Ser tinstab data tentattiva ta' meta ghandha ssir l-attivita'.

8.7 Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li l-kumpless sportiv fi Triq Tumas Cassar ikun fdat lill-Gharb Rangers FC, bil-possibilita' li dawn jinghataw xi forma ta' hlas ghall-kura u l-manutenzjoni tieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni illi jekk il-Kunsill ikun ser ihallas xi flus ikunu jridu jigu osservati il-proceduri finanzjarji. Ghal dan il-ghan gie deciz li ghandha tingab direzzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif jista' jsir dan il-ftehim.

8.8 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kuntratt tal-kiri ta' makkinarju ma Derrick Camilleri. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt ghandu jigi mgedded ghal terminu iehor ta' sena kemm 'il darba ikun hemm qbil ukoll min naha tal-Kuntrattur.

8.9 Giet trattata l-korrisponenza segwenti:
Minghand l-Arcipriet Mons. Joseph Sultana dwar il-ftuh tal-muzew Ecclesia Mater li ser isir nhar is-Sibt 2 ta' Gunju. Dan il-muzew sar permezz ta' ghajnuna minn fondi Eko-Ghawdex.

Il-Kunsill qabel li dan il-muzew ser ikun qed jippromwovi il-wirt artistiku u kulturali tal-lokalita' u li ghandu jimmarka l-avveniment tal-ftuh tieghu permezz ta' kuncert Muzikali mill-kor Gaulitanus.

8.10 Mill-MEPA, applikazzjonijiget godda ghal permess ta' zvilupp PA1142/12, PA1203/12 u PA997/12. Notifika ta' Skedar ta' Proprjeta' – Il-Mithna ta' Borom li tinsab Triq il-Knisja l-Gharb. Dear PA 2401/09 – Triq San Dimitri, Gharb, Gozo – To amend permission by repaving church parvis – Screening Letter. Gie spjegat illi l-Perit inkarigat issottometta l-applikazzjoni tal-adventure park fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill approva il-Mepa fees relatati.

8.11 Minghand Smart Light Systems co. ltd. fir-rigward ta' Tabelli tat-toroq.

8.12 Mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'dizabilita' fir-rigward ta' kopja awdjo fuq CD tal-ktejjeb bl-isem 'Il-Kugin Ghandu l-Awtizmu'.

8.13 Minghand Widien Artna bi stedina ghall-Konferenza ta' Nofs ta' Nhar.

8.14 Invit minghand il-Ministeru ghal Ghawdex ghal-laqgha konsultattiva fir-rigward ta' Turismu Rurali gewwa Ghawdex.

8.15 Rikors Guramentat mill-Qorti ta' l-Appell ta' Ghawdex ghall-Affissjoni u Pubblikazzjoni.

8.16 Minghand Clifford Vella fir-rigward ta' Ktieb gdid dwar Leggendi, Misteri u ghajdut'.

8.17 Kwotazzjoni minghand Ing. Vincent Rapa dwar fire safety and ventilation report li huwa mitluba mill-MEPA in konnessjoni mal-progett tac-centru civiku. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ir-rapport ghall prezz ta' €200.00 ghandu jsir.

8.18 Performance Audit Report minghand in-National Audit Office fir-rigward ta' *Contract Management Capabilities across Local Councils.*

8.19 Minghand Captain Morgan Cruises fir-rigward ta' servizzi li joffru.

8.20 Mis-Socjeta' Muzikali Madonna tal-Gilju fir-rigward ta' Kotba Akkademici mis-Socjeta' Muzikali Madonna tal-Gilju, Mqabba.

8.21 Minghand The Physically Handicapped Rehabilitation Fund fejn il-Kunsill gie mitlub ghajnuna ghal gbir ta' fondi.

8.22 Mill-Group 4 fir-rigward ta' zieda fit-tariffa ghas-servizz cash in transit b'effett mill-1 ta' Mejju 2012. Il-Kunsill qabel li jara jekk hemmx xi kumpanija ohra li tista' toffri dan is-servizz bi prezz orhos. Jekk le ghandu jibqa' jintuza l-istess servizz.

8.23 Minghand Cyberspace Solutions fir-rigward tal-Progett Malta With Kids fejn il-Kunsill gie mitlub jipprovdi nformazzjoni dwar postijiet ta' interess li jinsabu fil-lokalita' u eventi li jsiru matul is-sena. Il-Kunsill qabel unanimament li tinghata l-informazzjoni mitluba.

8.24 Minghand l-Ufficju tal-Kummissarju ghat-tfal fir-rigward tal-kors Rights 4U Course.

8.25 Minghand Mark Musu fir-rigward ta' Servizzi tas-Sigurta' Socjali Estizi li ser ikunu offruti mill-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill gie mitlub jipprovdi printer li tkun built in network printer linux compatible. Il-Kunsill qabel li jipprovdi dan il-printer biex is-servizz ikun jista' jibda jopera.

8.26 Mill-Ministeru ghall-Kompetizzjoni Gusta, Negozji Zghar u Konsumatur fir-rigward ta' sensiela ta' laqghat li qed isiru mall-Ministru.

8.27 Rapporti Annwali minghand il-Kumitat Kongunt ta' Ghawdex li ghas-snin li ghalqu fil-31 ta' Dicembru, 2009, 2010 u 2011.

Il-laqgha spiccat hin 7.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv